

# X'festa għandna!

## (Ritratt u riflessjoni)

**Philip Borg**

Bil-bnadar iperpru fuq kull frontispizju
li jżejnu triqatna ma' kull antarjola
b'armar lewn is-seħer tal-arti u l-ħila
li trawmu fis-sekli mill-ifqar sal-ogħla…

bil-qniepen solenni mal-ħsejjes li jtarrxu
u dħaħen fis-sema u nċens fil-korsija
li jfewwaħ u jhenni lin-nanna fil-vespri
imbagħad purċissjoni bix-xebh ta' qdusija…

bil-baned jiddandnu kull sena se jżanżnu
planċier jew faċċata, stendard jew armarju,
kull sena mill-aqwa fost l-iprem u l-isbaħ
u rħama li tfakkar il-kbir ċentinarju…

bix-xorb u l-festini mal-marċi tal-briju
imbagħad illamtati bil-kor u t-tenuri,
bl-irdieden imġienen li jsaħħru t-turisti
mikwija bil-baħar u d-dlik tal-kuluri…

b'kuluri tal-festa li tnessi bħal droga
kull dnewwa miskina tax-xhur l-imgħoddija
u ċċarrat tbissima fuq fomm kotra sħiħa,
bil-ġar ġie jsellimli bħal qisu jaf bija…

Kemm xtaqtha matulek ja sena dil-festa
u nħoss it-tgħanniqa li llum tfur bil-ħlewwa,
biex rejqet bħal qatra ta' wens filgħaxija
lill-ifqar imsejkna fin-niket u d-dnewwa!

Ikomplu… murtali u żina, armar, marċi u briju
u lbisna tal-festa, min jostor, min għeri,
dik dilket u tperrċet, dak tfewwaħ u rtokkja…
fissruli ħa nifhem, dawn maskri jew veri?

*Birkirkara*
*8.viii.2019*

George's Bakery

**22, Main Street, Mellieħa**
**Tel: 21 520685**

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd